**MINUTI TAL-ERBGĦA U ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 16 ta' Novembru 2011

**Ħin:** Mis-5.30pm sat-7.40pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Trevor De Giorgio (Wasal 5.45 pm)

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-Kunsillier T. Degiorgio informa li ser jasal tard għax kien għadu xogħol.

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tal-Tlieta u Ħamsin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-Mejda tqegħdu l-minuti tat-Tlieta u Ħamsin laqgħa ta' nhar il-Erbgħa, 26 ta' Ottubru 2011 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tat-Tlieta u Ħamsin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 16 ta' Novembru kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku, s-Sur J Galea li kien issekondat mill-kunsillier G Borg. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huma document korrett.

**2. <u>Mill-Minuti</u>**

1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li l-lampa ġiet imwaħħla mill-ġdid fi Triq Birbal wara li ġiet maqlugħa minħabba xogħol ta' kostruzzjoni.

2. Wara li kien propost fl-aħħar laqgħa f'dak li jirrigwarda l-Iskema ta' parkeġġ li ssir applikazzjoni oħra fejn tiġi estiża l-area mhux biss minn Triq il-Kbira sa Pjazza San Franġisk, imma wkoll mill-pjazza l-isfel, l-Aġent Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsill li qabel tiġi sottomessa l-applikazzjoni, trid tinġabar ċerta informazzjoni fuq kull triq involuta. Il-Kunsill inkariga lill-Viċi Sindku, s-Sur J Galea biex jagħmel dan ix-xogħol bil-kollaborazzjoni tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 3. <u>Korrispondenza</u>

**Ittra Numru 1213/11** - Ittra mingħand ir-residenti ta' Triq il-Kannizzata biex tiġi *one way*. Wara li Triq San Gabriel kienet ġiet *one way* għal prova ta' tliet xhur wara li kien sar *traffic management impact assessment* minn Transport Malta, ir-residenti ta' Triq Kannizzata skond huma bdew jaraw influss qawwi ta' karozzi għaddejjin minn hemm. L-Aġent Segretarju kkumenta li f'dawn l-aħħar jiem beda jirċievi ħafna emails mingħand ir-residenti ta' Triq San Gabriel u toroq oħra fl-istess area jilmentaw jew jaqblu, ma din il-prova. Il-Viċi Sindku ppropona li għandha ssir laqgħa għal dawn ir-residenti biex tinstab l-aħjar soluzzjoni. Is-Sindku qabel ma' dan u inkariga lis-Segretarju biex jikteb lil dawk kollha li bgħatu l-ilment tagħhom biex jinnominaw żewġ rappreżentanti għal din il-laqgħa f'dawn l-imsemmija toroq li huma Triq San Gabriel, Triq San Franġisk, Triq Qarċilla, Triq il-Kannizzata u Triq B. Bontadini.

**F'DAN IL-ĦIN DAĦAL IL-KUNSILLIER T. DEGIORGIO**

**Ittra Numru 1210/11 -** Ittra mingħand Environmental Landscaping Consortium fejn infurmana li ħa jtuna 250 planters biex jitpoġġew fil-gallariji tar-residenti. Il-Kunsill qabel li jsir dan.

**Ittra Numru 1195/11 -**Kampanja 34U biex il-Kunsill jissuġġerixxi xi areas partikolari f'Ħal Balzan fejn jistgħu jitwaħħlu xi siġar. Is-Segretarju ntalba biex jikteb ittra fejn jinfurmahom li t-toroq huma, l-Pjazza fi Triq Għerusija u l-akwadott area.

**Ittra Numru 1188/11 -** Ittra mingħand il-Government Property Division biex jintbagħat l-MEPA permit rigward id-devoluzzjoni ta' propjeta' f'Wesgħa Prof. Ġuże' Aquilina. Il-Kunsillier T Degiorgio qal li għandu jerġa jitkompla l-proċess ta' dan u għandha ssir laqgħa mal-ministru f'dan ir-rigward.

**Ittra Numru 1162/11 -** Email mingħand il-Kunsill Lokali Ħal Kirkop rigward taħriġ fil-piroteknika. Il-Kunsillier J Cassar kellem lil kumitati tal-Każini biex jara min hu interessat li jagħmel dan pero' ħadd ma wera interess.

**Ittra Numru 1161/11 -** Ittra mingħand Bianchi Group of Companies biex jaqilgħu żewġ siġar 'Ficus Nitida' minn Wied Ħal Balzan ħdejn id-Dolphin Centre. L-applikant kien diġa' infurmat mill-Kunsill li ma jistax isir dan, pero' il-kumpanija kitbet lill-MEPA fejn infurmathom li ma jsibux oġġezzjoni li jitneħħew, bl-unika kundizzjoni lienet li jerġgħu jitpoġġew x'imkien ieħor. Il-Kunsill iddeċieda li Bianchi Group of Companies għandhom jiġu infurmati li l-Kunsill għar-raġuni li l-MEPA ma ssib l-ebda oġġezzjoni li jitneħħew, tagħti l-kunsens tagħha biex isir dan pero' għandhom jinfurmawna fejn dawn ħa jiġu ri-allokati u dan ix-xogħol isir għal spejjeż tagħhom.

4. **<u>Preżentazzjoni minn MyDestination.com b'informazzjoni fuq il-Lokalita ta' Ħal Balzan</u>**

Fil-preżenza tas-Sur N Bilocca, rappreżentant ta' My Destination Malta.com ta lill-Kunsill preżentazzjoni ta' kif il-lokalita' ħa tibbenefika minn din il-website permezz ta' tmien ritratti 360 ta' postijiet storiċi f'Ħal Balzan. Is-Sindku ppropona li l-postijiet għandhom ikunu l-Pjazza Bertu Fenech, Knisja Parrokjali, Three Churches Street, De Paule Avenue, Knisja ta' Santa Maria, Akwadott (ħdejn is-Salib), Triq San Valentinu u Triq F.X. Zahra. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dan u tqabbad is-Segretarju biex jibda l-proċess.

5. **<u>Diskussjoni dwar l-aġġudikazzjoni tat-Tender wara li ntefgħu l-offerti għal-xogħlijiet fuq il-Proġett ERDF 205" *Regenerating Balzan Square and implementing a Tourist Heritage Trail"*</u>**

Wara li l-Kunsill kien talab il-Perit tal-Kunsill biex jagħti l-pariri tekniċi fuq l-unika tender li ntefgħet għal dan il-proġett li kien Camray Co. Ltd. u wara li ħa in konsiderazzjoni il-vijabilita' ta' dan il-proġett, il-Kunsill b'vot unanimu ddeċieda li dan it-tender għandu jingħata lil din il-Kumpanija. L-Aġent Segretarju tqabbad biex jippublika din id-deċiżjoni kif ukoll javża lis-Sur I. Gauci mid-Dipartiment tal-PPCD b'dan.

Fuq punt ieħor imqajjem mill-Kunsillier G Borg rigward ir-Restorazzjoni u l-manutenzjoni tal-istatwa ta' Santa Marija, huwa saqsa fiex wasal il-proċess. Is-Sindku nfurmaħ li qed nistennew il-permess tal-MEPA u Heritage Malta biex jagħmlu superviżjoni ta' dan ir-restawr. La darba jkollna l-permess meħtieġ, jkun jista' jibda dan ix-xogħol.

6. **<u>Diskussjoni dwar l-aġġudikazzjoni tat-Tender rigward l-offerti li ntefgħu tas-"Street Furniture" fuq il-Proġett ERDF 205.</u>**

Għar-raġuni li għadu ma ngħatax parir tekniku mil-perit fuq l-offert li ntefgħu, dan it-tender ma jistax jiġi aġġudikat qabel ma' l-Kunsill jkollu f'idejh dan ir-rapport.

7. **<u>Proġett tal-Wied ta' Ħal Balzan iffinanzjat mill-UIF tal-MEPA</u>**

L-Aġent Segretarju nforma lill-Kunsill li kellem lis-Sur Albert Borg A&CE tal-kumpanija MPCD biex jara fiex wasal il-proġett. Huwa infurmah li l-Bill of Quantities għandhom jitlestew fil-jiem li ġejjin u jiġu sottomessi lill-MEPA għall-approvazzjoni.

## 8 Uniformijiet

L-Aġent Segretarju poġġa fuq il-Mejda tliet quotations rigward l-uniformijiet għall-impjegati tal-Kunsill. Kien hemm varjazzjoni fil-prezzijiet, kif ukoll il-Kunsill ra wkoll li huma daqxejn għaljin. Għalhekk deċiżjoni ma setgħetx tittieħed qabel ma jinġabru aktar quotations f'dan ir-rigward.

## 9. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku nforma li hemm applikazzjoni quddiem il-Kunsill biex jiġi mtella' cement tower crane li ser jimblokka parti mit-triq il-Kbira (parti t'isfel quddiem l-iSmugglers Pub). Huwa ssuġġerixxa li biex ma jintilfux spazji tal-parkeġġ, fuq in-naħa l-oħra tat-triq minn ħdejn il-bus stop sa quddiem il kantuniera faċċata tal-Qronfla dejjem bil-permess tat-Transport Malta peress li hemm kurduna fuq kurduna ssir rampa temporanja spejjeż tal-kuntrattur biex il-karozzi jkunu jistgħu jipparkjaw fuq din ir-rampa u b'hekk ma jkunx hemm imblukkar. Il-Kunsill qabel ma' dan u talab lis-Segretarju biex jagħmel laqgħa mal-kuntrattur fuq dan u jirreferi lura.

## 10. Rapport dwar l-Ilmenti

**Ilment Numru 17011059144094**: Sar ilment fuq boundary wall li ġie mtella' f'sit ta' kostruzzjoni fis-sena 2010 (Ex Villa Pisani) u li baqa' hemm wara li tlestit il-binja. Għandha tinkiteb ittra lis-sidien biex ineħħu l-boundary wall u jerġgħu jagħmlu l-bankina fl-istat li kienet qabel. Fin-nuqqas ta' dan għandha tittieħed azzjoni legali.

**Ilment Numru 17011020153991**: Hemm bżonn li tiġi rranġata il-bankina fi Triq Sir Antonio Micallef. Minħabba nuqqas ta' fondi ma tistax terġa' ssir mill-ġdid

**Ilment Numru 17011056154523**: Suġġeriment biex jitwaħħlu xi Dog Bins fl-area tat-Tlett Knejjes. Il-Kunsill inkariga lis-Segretarju biex tiġi ordnata waħda minn dawn.

**Ilment Numru 17011020153991:** L-istat ħażin tal-bankina fi Triq Sir Antonio Micallef. Għandha tiġi rranġata kemm jista' jkun malajr.

**Ilment Numru 17011091155208:** Saret talba biex titbaxxa il-bankina ħalli r-residenti jkollhom aċċess għall-garage wara li tlesta ix-xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq Mdina c/w De Paule Avenue. Dan ix-xogħol għandu jsir mis-sid stess li bena din id-dar għas-spejjez tiegħu u mhux tal-Kunsill.

**Ilment Numru 17011011155388:** Talba biex quddiem garage nru.191 fi Triq Il-Ferrovija l-Qadima tinzebagħ kaxxa safra biex ma jipparkjawx.Għandu jiġi kkonfermat jekk dan il-garage qed jintuza jew le biex isir dan. Għandu jiġi mgħarraf l-Ispettur ta' l-għassa fuq dan.

**Ilment Numru 17011042155736:** Il-problema ta' l-għargħar fil- Wied ta' Ħal Balzan għandha tiġi indirizzata. Hemm tfassil u studju ta' proġett fuq dan il-għan mill-Gvern Ċentrali fuq din il-problema pero' li hu zġur hu li bil-fondi allokati lil Kunsill ma jippermettix li jsir minnu.

**11. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlass ta' Petty Cash**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-16 ta' Novembru 2011 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' € 8103.51 .

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar issekondat mill-Viċi Sindku s-Sur J.Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex nuru li hija dokument korrett.

**12. Affarijiet Oħra**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li trid tiġi msejħa il-Laqgħa tal-Lokalita u dan ġeneralment jsir qabel ma' jiġu ffinalizzaticu sottomessi l-estimi finanzjarji għas-sena 2012.

Għalhekk ġie deċiż li din il-laqgħa għanda ssir fid-9 ta' Diċembru 2011 fis-7.00p.m. fis-sala tal-Kazin Maria Annunziata, Ħal Balzan.

**Għeluq**: Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Ħamis 15 ta' Diċembru, 2011 fil-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mr. M. Mallia** |
| Sindku | Aġent Segretarju Ezekuttiv |

Data